# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 4 u 18 ta’ April 2021 fl-4.00p.m. - Facebook
   Il-Ħadd 2 u 16 ta’ Mejju 2021 fl-4.00p.m. - Facebook
   Il-Ħadd 6 u 20 ta’ Ġunju 2021 fl-4.00p.m. - Facebook
   Il-Ħadd 4 u 18 ta’ Lulju 2021 fl-4.00p.m. - Facebook
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta’ sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Azzopardi, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b’informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta’ dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-*website*.
7. L-indirizz tal-*website* tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Best Print - Qrendi

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 126 April 2021 ĦARĠA ELETTRONIKA



**Għażiża Madonna tal-Girgenti u twajba Ġuża Mifsud itolbu għal Malta u d-dinja biex neħilsu minn din il-pandemija.**

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jawgura Għid Qaddis lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta’ dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin u l-proxxmu kollu. Ġesu qalilna, “Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut igħix u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt.”**

# ĠRAJJA U GRAZZJA LI TAGĦMLILNA KURAĠĠ

**Din il-grazzja maqlugħa mill-koppja Borg kienet diġa ġiet stampata fuq dan il-fuljett xi snin ilu. Imma ħassejt li għandi nerġa nippubblikha. Hija grazzja li apparti l-kobor ta' Alla turina wkoll ħafna kwalitajiet sbieħ li kellha Ġuża Mifsud. F'ħin jew ieħor ilkoll ngħaddu minn sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja tagħna, kultant forsi nkunu ser naqtgħu qalbna imma le, nagħmlu kuraġġ, niftakru li ma aħnix waħedna. Nafdaw f'Alla, inkabbru l-fidi tagħna fiH u f'Ommna Marija. Nitolbu wkoll lil Ġuża sabiex tinterċedi għalina quddiem il-Mulej. Naqraw din il-grazzja emozzjonanti u qawwija flimkien.**

"Kien għall-ħabta ta' Ottubru tas-sena 1985 meta ommi, li dakinhar kellha sittin sena, kienet qed issofri minn ftuq gravi ħafna. It-tobba ma kellhox tama li jistgħu joperawha għaliex kellha qalbha għajjiena. Jien u l-għarus tiegħi konna qed inħejju ruħna biex niżżewġu fil-31 ta' Mejju 1986 – jum il-Viżitazzjoni ta' Marija – imma meta bdejt nara l-qagħda diffiċli t'ommi li bilkemm setgħet tqum mis-sodda biex taqdi l-bżonnijiet personali tagħha kont qed naħseb li jkun aħjar jekk nipposponi t-tieġ biex inkun nista' nieħu ħsieb lil ommi. Meta qsamt dan il-ħsieb m'ommi hi ma qablitx. Minflok talbitni mmur għand mara mis-Siġġiewi bl-isem ta' Ġuża. Qaltli biex ngħid lil Ġuża titlob għaliha għaliex – kif qalet ommi – din kienet titkellem mal-Madonna.

Jien dakinhar ma kontx naf jekk kellix nemmen jew le, imma żgur li ma kontx se nċaħħad lil ommi minn din il-ħaġa. Għalhekk ftiehemt mal-għarus tiegħi biex immorru nfittxu lil din il-mara. Meta wasalna s-Siġġiewi staqsejna lil xi residenti li malajr qalulna fejn kienet toqgħod.

## Nara lil dawn iż-żewġ żgħażagħ għax ġew mill-bogħod

Laqgħetna mara f'kamra bis-siġġijiet li kollha kienu jħarsu lejn naħa waħda fejn kien hemm ix-xbiha tal-Madonna. Sa dak il-ħin ma konniex nafu li dik il-mara, li qaltilna npoġġu ma' xi nies oħra li kienu qed jistennew, ma kinitx Ġuża. Wara xi kwarta ħarġet mara anzjana minn kamra oħra u qalet: "Għal-lum daqshekk se nara nies għaliex ma niflaħx aktar. Ara, tal-aħħar nara lil dawn iż-żewġ żgħażagħ għaliex dawn ġew mill-bogħod." Aħna ħarisna lejn in-nies li kien hemm fil-kamra imma kollha kienu akbar minna fl-eta'. Stħajna ħafna għaliex aħna konna l-aħħar li wasalna. Imma la sejjħitilna dħalna.

Imxejna magħha mingħajr ma lissinna kelma. Kienet tidher batuta fiżikament imma wiċċha kellu xi ħaġa speċjali; żgur li ma kienx juri l-eta' li kellha.

Aħna m'għedniex kelma waħda għaliex ma kontx naf minn fejn se nibda imma ma kienx hemm għalfejn għaliex Ġuża donnha kienet taf kollox, anzi aktar milli konna nafu aħna. Resqet lejn gradenza u minn fuqha ħadet santa ċkejkna tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u waqt li newwlithieli qaltli: "Ħu din is-santa, agħtiha lil ommok u għidilha biex tpoġġiha taħt l-imħadda. M'għandhiex għaliex tinkwieta għax ma hi se tagħmel l-ebda operazzjoni. Imma intom qisu li titolbu, lil Madonna ħobbuha u afdawha. Jien se nitlob għalikom għax intom tridu tgħaddu minn ħafna."

Bilkemm flaħna nlaqilqu grazzi. Ħriġna minn hemm miblugħin. Kif kienet taf fuq ommi? X'kien li se ngħaddu minnu?

## Iżżewwiġna f'Mejju tal-1986 kif kien ippjanat

Aħna għamilna kif qalet Ġuża. Ommi qamet mis-sodda u kompliet bid-dmirijiet kollha tad-dar sas-sena 2003 u mietet f'Lulju tas-sena 2005 b'puplesija. Iżżewwiġna f'Mejju tal-1986 kif kien ippjanat. Minbarra x-xewqa li nibdew inkabbru l-familja ma kienx jidher li ser naqtgħuha faċilment kien jidher li kollox kien sejjer sew sakemm qamet l-ewwel maltempata fil-bnazzi. Kien l-ewwel jum tas-sena 1987 u konna għand omm ir-raġel niċċelebraw il-bidu tas-sena l-ġdida meta omm ir-raġel mietet ħabta u sabta ta' 52 sena.

Qatt ma hi ħaġa faċli li titlef lil ommok, imma żgur hu ferm aktar diffiċli meta ma tkunx qed tistenna li tmut persuna f'saħħitha u ta' eta' pjuttost żgħira. Aktar u aktar meta tkun l-uniku wild u ltim minn missierek ta' ħames snin. Biex tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni, persuna tal-familja qaltlu li ommu mietet għaliex ma felħitx it-telfa tiegħu meta żżewweġ. Ir-raġel daħal fi kriżi ta' dipressjoni, sar nervuż ħafna u beda jixrob u jpejjep ħafna. Iż-żwieg tagħna beda jindika diffikultajiet. F'Marzu ħriġt tqila bl-ewwel tarbija tagħna u r-raġel reġa sab skop biex iħares 'il quddiem. Disa' xhur sbieħ għaddew bħal ħolma sa ma wasal jum il-ħlas.

## Is-skiet tat-tarbija ta l-ewwel indikazzjoni...

Kien is-26 ta' Diċembru 1987 meta, wara kważi tmintax-il siegħa ta' ħlas diffiċli, twieled tifel. Is-skiet tat-tarbija ta l-ewwel indikazzjoni li xi ħaġa ma kenitx sejra sew. Imma meta ħaduh biex jagħmlulu xi tubi assigurawni li kien biss għajjien u qaluli biex nistrieħ għaliex żgur li hu kien se jirkupra qabli u jkollu bżonn omm f'saħħitha. Dak il-lejl ħassejtni spiċċuta u għalkemm muġugħa irqadt sal-erbgħa ta' filgħodu meta ġiet infermiera tqajjimna biex immorru n-nursery nieħdu t-trabi. Jien ukoll ippruvajt nagħmel bħall-ommijiet l-oħra iżda malajr waqqfuni għaliex it-tifel ma kienx tajjeb biex joħroġ. Stajt nara t-tifel tagħna biss minn wara ħġieġa, kien ikħal u kellu tubi minn imnieħru biex jisquh minnhom. Kien jidher ċar li ma kienx komdu. Kien iqarras wiċċu u jagħmel ftit ħoss biss imma ma kienx jibki bħat-trabi l-oħra. Kienu jgħiduli li għadu għajjien u li kelli nħalli f'idejhom. Kienu jistednuni mmur nistrieħ; imma kif tista' tistrieħ? Dik il-ħabta l-irġiel kienu jidħlu biss bil-ħin. Ix-xokk ħassejtu enormi. Meta ma jkollokx ma' min taqsam il-piż dejjem tħossu itqal. Fil-każ tiegħi r-raġel kien inkwiet ieħor. Kif kont ser ngħidlu meta kien għadu bilkemm irkupa wara l-mewt t'ommu? Meta wasal ħin id-dħul bilkemm flaħt nitkellem. Ħassejtni falluta, kelli sens ta' ħtija enormi. Forsi veru li ommu mietet għax iżżewwiġna u issa lanqas kelli ħila nagħtiħ tarbija b'saħħitha. Konna qisna żewġ iċċassati, nippurvaw nagħmlu kuraġġ lil xulxin kieku... imma minn ħalqna biss għaliex qalbna kienet maqsuma.



Lejl u nhar kont inħares lejn it-tifel minn wara l-ħġieġa tan-nursery. Kien jidher li sejjer lura. Darba ġew jeħdulu x-ray fis-sagħtejn ta' filgħodu u meta tlabthom ir-riżultat baqgħu jinsistu li t-tarbija kienet biss għajjiena wara ħlas diffiċli. Tassew li kien l-ewwel wild tiegħi u esperjenza ma kellix imma l-kliem tagħhom ma kienx jikkonvinċini. Kont ngħid li jew ma jafux x'għandu jew ma jridux juruni.

## Qalli li dak kien l-uniku mument li stajt inżomm lit-tarbija tiegħi ħajja

Wara xi ġranet tfaċċa tabib barrani u meta beda jinviżta lit-tifel kien jidher ftit eċitat. Wara li staqsieni jekk kontx ommu staqsieni jekk xtaqx inżommu ftit f'idejja. Kont għadni qatt ma żammejtu imma bl-għejja li kelli bżajt li jaqgħali u għidtli li aħjar le, imma hu kien pront wieġeb li dak kien l-uniku mument li stajt inżomm lit-tarbija tiegħi ħajja. Dar fuq l-infermiera u qalilhom: "Rush this baby to an incubator... this baby is dying." L-infermiera neżżgħet lit-tarbija u kebbitha f'ħarqa u waqt li tatni l-ħwejjeġ staqsietni jekk xtaqtx li t-tifel jitgħammed u x'isem ridt intih. Jien bqajt wieqfa, b'saqajja jirtogħdu, nħares lejn l-infermiera titbieghed. Issa ma stajtx aktar inħares lejh minn wara l-ħġieġa. Kienu ħaduh u ma nafx nerġax narah ħaj. Infermiera oħra assiguratni li hemm se jkollu aktar attenzjoni u wegħditni li kif jagħmlu dak li hemm bżonn isir tiġi għalija u teħodni narah.

## Jekk jgħix ikollu problemi mentali

Għalkemm il-ħin rajtu eternita', fl-aħħar wasal il-mument. It-tifel issa kien f'inkubatur, ikħal u b'salt wajers u pajpijiet imwaħħlin. Il-professur qalli li t-tifel kellu problemi serji fil-pulmuni. L-ilma tat-twelid marlu fil-pulmuni u sarlu materja bil-konsegwenza li ma bdewx jaħdmu sew tant li t-tifel ma kellux biżżejjed ossiġnu. Qalli li x'aktarx it-tifel jitlef il-battalja imma jekk jgħix żgur li jkollu problemi mentali minħabba ż-żmien twil li għamel b'nuqqas t'ossiġnu.

Ħassejtni qisni d-duluri nħares lejn ibni jmut u ma nista' nagħmel

xejn. Dak il-ħin ftakart fid-devozzjoni li kellha ommi lejn il-Madonna tal-Konsagrazzjoni u tlabt lill-Madonna biex iżżomm it-tarbija tagħna f'ħoġorha kif żammet lil Ġesu'.

Ħaġa tal-għaġeb, it-tifel beda jieħu kulur roża sabiħ u beda ġej għan-normal. Il-professur qal li jidher li l-Verġni Mbierka kienet qed titlob għal dan it-tifel għaliex il-pulmuni jidhru li qed jissaffew mill-kwantita' ta' materja. Issa kien fadal problema oħra, dik li tiġi stabbilita l-ħsara li saret fil-moħħ minħabba nuqqas ta' ossiġnu. Meta bdew it-testijiet sabu li t-tifel ma kien qed jindika ebda ħsara fil-moħħ.

## Ġuża qaltilna li l-Madonna trid xi ħaġa minn dik it-tarbija

Wara ftit ġimgħat li ħareġ mill-isptar ikkuntatjajna lil Ġuża Mifsud biex nippreżentawh lill-Madonna fil-Girgenti. Kien l-ewwel tarbija ppreżentata fil-Girgenti u Ġuża ftiehmet magħna biex nitilgħu magħha waqt laqgħa ta' talb u tippreżentah hija stess. Wara li talbet quddiem il-Madonna bit-tarbija f'idejha Ġuża qaltilna li l-Madonna trid xi ħaġa minn dik it-tarbija.

Għaddew erbgħa u għoxrin sena minn dan l-episodju. Għal grazzja t'Alla u bl-interċessjoni ta' Ommna Marija, it-tifel li suppost miet – u jekk stess kellha tirbaħ il-possibilta' ċkejkna li jgħix kellu jkun b'diżabbilta' mentali – illum huwa Reliġjuż b'saħħtu u qed jipprepara għas-saċerdozju.

Nitlob lill-Verġni Mbierka tal-Konsagrazzjoni biex tkun hi stess li tmexxi lit-tifel tagħna fil-ħajja kkonsagrata lil Alla l-Imbierek.

Jalla jkun reliġjuż marjan għal dejjem.

Għall-akbar glorja t'Alla." Firma: Antonia Borg

***Minn meta nkitbet din il-grazzja dan ir-reliġjuż laħaq saċerdot u anke huwa kappillan ta' parroċċa f'Malta.***



## TALBA LIL SAN ĠUŻEPP

O Mqaddes Ġużeppi, fil-hemm li fih ninsabu, lejk nirrikorru u b'tama qawwija nsejħu l-patroċinju tiegħek, wara dak tal-Għarusa Mqaddsa tiegħek.

Mela f'ġieħ dik ir-rabta għażiża ta' mħabba li biha kont marbut max-Xebba bla tebgħa, omm Alla, u f'ġieħ dik l-imħabba ta' missier li biha ħabbejt lit-tfajjel Ġesù, nitolbuk li tħares ħarsa ħelwa lejn il-wirt għażiż, li Ġesù Kristu rebaħ b'demmu, u bis-setgħa u bil-għajnuna tiegħek tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.

Kif int, O Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-Familja Mqaddsa u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu. Eqred minn ġo nofsna, Missier ħanin, din il-pesta ta' erruri u ta' ħażen li qegħdin imarrdu d-dinja. Ieqaf magħna mis-smewwiet, f'din il-gwerra li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet, O Protettur qawwi tagħna. U kif darba ħlist mill-mewt lill-Bambin Ġesù, hekk issa iddefendi l-Knisja Mqaddsa t'Alla mit-tnassis tal-għedewwa u minn kull hemm.

Xerred dejjem fuq kull wieħed u waħda minna l-patroċinju tiegħek, sabiex bl-eżempju u bil-għajnuna tiegħek, nistgħu ngħixu ħajja qaddisa, nagħmlu mewta tajba, u naqilgħu l-hena ta' dejjem ġewwa l-ġenna. Ammen.

### TALBA

Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*